# IR-RIHA TFUH TAL-QDUSIJA

Ir-riha tad-demm uman, anke meta dan ikun frisk ma hux pjacevoli u meta jibda' jithassar jkollu riha tassew tinten. Imma d-demm mill-pjagi ta' Padre Pio kien tassew car u jarmi riha tassew tfuh ghal aktar minn 50 sena.

Din ir-riha tfuh, Padre Pio kien jimla' biha kullimkien, ic-cella tieghu, it-tunika tieghu u l-kmamar kollha li fihom kien ikun prezenti, sahansitra anke dawk l-oggetti li huwa kien imiss. Il-fwieha kienet tingarr qisha mir-rih. Hafna kienu jiddefenuha b'modi varji: min kien jghid li kellha riha ta' ward, min kien jghid li kellha riha ta' gilji, jew tal-vjola etc. U din ir-riha sahansitra kienet tinxtamm mill-boghod hafna.

U hawn ghanda x-xiehda ta' Dr. Luigi Romanelli, wiehed mit-tobba li ezaminha lil Padre Pio: " L-ewwel darba li kellimtu f'Gunju tas-sena 1919, innutajt li minnu kienet hierga certa riha tfuh. U ghalhekk stqarrejt ma' Padre Valenzano li kien qed jakkumpanjani, li ma kienx sew skont l-opinjoni tieghi li religjuz frangiskan, specjalment dak li kien meqjus bhala qaddis li jindilek bil-fwieha. Ta' min jghid li hadd ma kien qal lil dan Romanelli b'dak il-fenomenu.

Dr Festa huwa xhud ghall-fatt li Padre Pio la qatt indilek bil-fwieha u anqas inhasel b'xi sapun ifuh. Huwa jirrakonta li matul l-ewwel ezami tal-Kappuccin, ha bicca drapp u ghaddasha fid-demm li kien hiereg mill-gemb tal-patri. L-intenzjoni tieghu kienet li jezaminha aktar tard taht il-mikrospkju fil-laboratorju gewwa Ruma. Huwa qieghed din il-

bicca drapp go tubu u t-tubu go sarvetta. Dr. Festa mar Ruma bit-tren. Fil-karrozza tat-tren li fiha kien qed jivvjaga, l- passiggieri ohra, minkejja r-rih qawwi tal-velocita' tat-tren, ikkummentaw bejnithom li xammew aroma l-aktar pjacevoli li mliet l-ambjent. Kienet r-riha distintiva tad-demm ta' Padre Pio.

Xhud iehor jghid: F'Bologna fil-lejl tas-Sibt tat-28 ta' Frar tas-sena 1931 Alberto Del Fante – wiehed mill-akbar kittieba tal-hajja ta' Padre Pio - iddecieda li jahdem aktar tard mis-soltu u baqa' jaghmel ix-xoghol tieghu sat-3 ta' filghodu. F'hin minnhom riha mill-aktar helwa mliet l-ufficju tieghu u mmedjatament gharaf li dik kienet il-vuci ta' Padre Pio li lilu kien wieghed li qatt ma jibda' xi xoghol qabel ma l-ewwel jitlob l-ghajunua ta' Alla. Dik il-lejl partikulari nesa' jaghmel dan. Minghajr ma spjega x'kien gara, huwa qajjem lil martu u s-seftura, hadhom lejn l-ufficju u talabhom jekk hux qed jinnutaw xi haga mhux tas-soltu fil-kamra. Wegbuh li qed ixommu bhal fwieha ta' incens helu. Fl-ufficju ta' Alberto del Fante ma kienx hemm xi drapp imcappas fid-demm ta' Padre Pio. U waqt li Padre Pio kien fil-kunvent tieghu gewwa San Giovanni Rotondo l-karatteristika tal-fwieha nxtammet minn mili 'l boghod gewwa belt ohra, Bologna. Wiehed jista' jikkonkludi li l-aroma ta' Padre Pio f'dan il-kaz kienet indikazzjoni tal-presenza morali tieghu.

***

Fis-sena 1950, il-gurnalista Fernanda Bianco marret San Giovanni Rotondo biex tikteb storja fuq Padre Pio u marret hemm marbuta ma' l-ebda idea, biex tkun tista' taghmel il-gudizzju taghha b'mod hieles.

Tistqarr li sabet ruhha fil-lounge tal-lukanda titkellem ma' zewg nisa ohra. Ma kien hemm hadd fil-qrib. Konna qed nitkellmu fuq Padre Pio. "F'daqqa wahda hassejtni mdawra b'mewga ta' fwieha, imma fwieha mill-ifejn u qawwija."

F'dak il-mument fuq in-naha l-ohra tal-bieb tal-hgieg li jaghti fuq n-naha ta' wara kien ghaddej ragel li kont naf li kien kok professjonali. Hsibt bejn u bejn ruhi li dik il-fwieha kienet tieghu ghaliex kont naf li kien ihobb jidlek il-fwieha.

Staqsejt liz-zewg nisa l-ohra jekk kienux qed ixommu bhali u b'ghageb kbir tieghi wegbuni: " Tinhasadx. Dak Padre Pio li qed jimmanifesta ruhu lilek."

Ma kontx konvinta u wara mort insib lil Charles, hekk kien jismu l-kok profesjonali u ma kellu ebda fwieha fuqu. Jinghad li r-riha tfuh ta' Padre Pio kienet tinxtamm minn distanza u kienet sinjal ta' protezzjoni.  Sinjal bhal dan kien ifisser li fil-qrib hemm kura jew grazzja partikulari. Il-gurnalista tispicca' x-xiehda taghha u tghid li hija rceviet hafna testimonji li grazzji jew fejqan kien jkunu preceduti mill-fwieha ta' Padre Pio.